IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnhem Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

[EN on page 6]

# Il-Fond Malti tal-Ktieb - Mistoqsijiet Frekwenti

Għal dawk li qatt ma applikaw għal fondi simili fil-passat, jew m'għandhomx esperjenza ta' proċeduri bħal dawn, l-ewwel se nkunu qed nisiltu l-importanza tal-karti, id-dokumentazzjoni kif suppost, u l-preżentazzjoni. L-applikazzjoni se tkun assessjata l-aktar fuq il-kwalitajiet tal-proġett, iżda l-applikazzjonijiet li jiddaħħlu mingħajr id-dokumenti mitluba, jew dawk li ħallew informazzjoni barra, lanqas jgħaddu għal dan l-istadju tal-assessjar tal-kontenut.

Nisperaw li dan li ġej ikunilkom ta' gwida tajba lilkom li qed tapplikaw għall-Fond. Jekk jogħġobkom ħudu ħinkom biex taqraw bir-reqqa l-linji gwida tal-Fond Malti tal-Ktieb għall-għotja rispettiva li qed tapplikaw għaliha, sabiex inkunu nistgħu nassessjaw l-eliġibbiltà tal-proġett tagħkom, u kunu żguri li mlejtu l-applikazzjoni sewwa.

Jekk issibu xi diffikultà, jew tkunu tridu tikkonsultawna dwar il-Fond, ibagħtu imejl lil matthew.borg@ktieb.org.mt. Tistgħu ċċemplulna fuq +356 99968511 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00hrs u l-16:00hrs.

FAQs

**X'tip ta' għotjiet joffri l-Fond?**

Hemm żewġ tipi ta' għotjiet - Għotjiet għall-Pubblikazzjoni u Għotjiet għat-Traduzzjoni. Kull għotja tista' tiffinanzja sa 100% tal-proġett propost u/jew sa massimu ta' € 5,000 għall-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda, għall-Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa, u għall-Għotjiet għat-Traduzzjoni. L-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch tirċievi sa massimu ta' € 500. Bord tal-aġġudikazzjoni maħtur apposta se jevalwa kull proġett fi proċes rigoruż biex jaċċerta kemm il-valur tal-proġett u r-rekwiżiti finanzjarji.

Il-Fond Malti tal-Ktieb se joħroġ total ta' €120,000 f'fondi, li se jitqassmu lill-pubblikazzjonijiet eliġibbli u l-proġetti tat-traduzzjoni hekk:

- €50,000 f'Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda;
- €10,000 f'Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa

- ✦ €5,000 f’Għotjiet għat-Traduzzjoni ta’ Silta minn Ktieb bħala Pitch
- ✦ €55,000 Għotjiet għat-Traduzzjoni:
    - ➡ Kategorija 1 - €40,000 għat-traduzzjoni ta’ kotba Maltin (bil-Malti jew bl-Ingliż u b’ISBN Malti) f’ilsna oħra;
    - ➡ Kategorija 2 - €15,000 għat-traduzzjoni ta’ kotba f’ilsna oħra għal dak Malti.

**Min jista’ japplika?**

Il-linji gwida u r-regoli tal-Fond Malti tal-Ktieb jipprovdu lista ta’ applikanti eliġibbli u d-definizzjonijiet tal-professjoni tagħhom biex jikkwalifikaw bħala applikanti. Dawn huma l-kittieba, it-tradutturi u l-pubblikaturi. Kittieb huwa definit bħala xi ħadd li ppubblika, jew li ppubblikawlu, imqar storja f’forma ta’ ktieb jew artiklu jew storja fi ktieb. Pubblikatur, min-naħa l-oħra, huwa persuna li għandu dar tal-pubblikazzjoni u li diġà ppubblika mqar ktieb wieħed minn awtur wieħed. Traduttur huwa persuna li qaleb imqar ktieb wieħed, storja jew artiklu f’forma ta’ ktieb, jew li jista’ juri li għandu l-ħiliet neċessarji.

Awturi li għadhom ma ppubblikaw qatt f’isimhom ma jistgħux japplikaw waħedhom. Madankollu, jistgħu jippreżentaw xogħolhom jekk isibu pubblikatur li lest jagħmel dan.

**X’dokumenti jridu jinthemżu mal-applikazzjoni?**

Kif għedna fil-paġna tal-Fond Malti tal-Ktieb, kull applikazzjoni jrid ikollha dan li ġej:

1. Formola tal-Applikazzjoni mimlija fl-intier tagħha, iffirmata, iddatata u li tkun tispeċifika għal-liema fond qed tapplika.
2. Il-proposta tal-proġett (sa 1,500 kelma għal proġetti ta’ pubblikazzjoni u sa 1,000 kelma għal proġetti tat-traduzzjoni).
3. Ir-rendikont baġitarju (li jinkludi l-kopji relevanti uffiċjali tal-istimi).
4. Kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant (quddiem u wara), jew il-permess tar-residenza, jew iċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza, jew il-passaport.
5. CV jew portafoll tat-traduttur.
6. Kampjun tax-xogħol tradott.
7. Silta mil-ktieb oriġinali (it-test sors) li tikkorrispondi mal-kampjun tax-xogħol tradott.
8. Ittra ta’ interess/impenn mingħand pubblikatur lokali jew internazzjonali, skont il-kategorija li tkun saret l-applikazzjoni fiha.
9. Il-Formola ta Dikjarazzjoni ta’ Għajnuna mill-Istat.

Dokumenti oħra mhux neċessarjament meħtieġa:

10. Kull referenza u/jew qatgħat mill-istampa li jirfdu l-proġett propost.

11.Lista, jekk hemm, ta' fondi pubbliċi merbuħa fil-passat.

Id-dokumenti u l-informazzjoni mitluba għandhom ikunu ppreżentati b'mod ċar kemm jista' jkun u ma jkollhomx informazzjoni aktar minn kemm mitlub.

Mhemmx għalfejn li l-applikanti jibagħtu kopji tat-test li jridu jippubblikaw. Il-fażi inizjali tal-proċess tal-applikazzjoni hija ta' natura amministrattiva, jiġifieri l-applikazzjoni se tiġi ċċekkjata għall-eliġibbiltà skont id-dokumenti u l-informazzjoni l-oħra relatata mal-proġett.

**Kif nista' nissottometti l-applikazzjoni tiegħi?**

Erba' kopji identiċi, kompluti, ipprintjati u ffirmati għandhom xorta jintbagħtu bil-posta fi flat file jew punch file għal kull kopja (mhux karti waħedhom) lill-uffiċini tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-indirizz ipprovdut.

L-applikazzjoni għandha tintbagħat mhux aktar tard mid-data tal-għeluq speċifikata (id-data tat-timbru tal-posta sservi bħala prova).





L-applikazzjonijiet tal-Fond Malti tal-Ktieb 2022 iridu jiġu skennjati wkoll u mibgħuta b'imejl lil michael.mercieca@gov.mt b'dat-titlu: Il-Fond Malti tal-Ktieb 2022 - applikazzjoni [U ISEM L-APPLIKANT].

L-applikazzjoni pprintjata u ffirmata għandha tintbagħat hawnhekk:

Il-Fond Malti tal-Ktieb 2022 - il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnhem Road
Pembroke PBK1776
Malta EU

**Is-sejħa għall-applikazzjonijiet tagħlaq l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2022 f'12:00 (nofsinhar).**

**Meta joħorġu r-riżultati?**

Bord ta' aġġudikazzjoni maħtur apposta jevalwa l-applikazzjonijiet fi żmien tmien (8) ġimgħat mill-għeluq tad-data tas-sottomissjonijiet.

**L-applikanti jistgħu jippreżentaw xogħol li jkun diġà deher stampat?**

Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda: Le. Kif għedna fil-linji gwida u r-regoli, il-fond jimmira li jwieżen il-pubblikazzjoni ta' materjal li ma jkollux vijabbiltà kummerċjali minkejja l-valur kulturali għoli. Jekk xogħol diġà deher mitbugħ, kemm jekk awtoppubblikat jew le, ifisser li kien hemm mezzi biex jiġi mitbugħ u għalhekk m'għandux bżonn il-fondi.

Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa: Iva. Kif għedna fil-linji gwida u r-regoli, il-fond jimmira li jwieżen il-pubblikazzjoni ta' materjal li ma jkollux vijabbiltà kummerċjali minkejja l-valur kulturali għoli. Dil-fergħa tal-Fond twieżen il-pubblikazzjoni ta' edizzjonijiet ġodda ta' kotba ppubblikati minn tal-inqas għoxrin (20) sena jew aktar mill-edizzjoni kurrenti tal-Fond.

**Jistgħu l-applikanti jippreżentaw xogħol li beħsiebhom jippubblikaw waħedhom?**

Teknikament iva, iżda ma nirrakkomandawhiex. Idealment, kull proġett għandu jkun ippubblikat ma' pubblikatur lokali, u t-traduzzjonijiet minn pubblikatur barrani. Il-pubblikaturi għandhom l-esperjenza u s-sengħa fix-xogħol editorjali, id-dehra tal-ktieb u l-qari tal-provi, kif ukoll fil-marketing u d-distribuzzjoni, li diffiċli xi ħadd waħdu jilħaq mal-livell tagħhom. Dan ifisser li xogħol sottomess għall-pubblikazzjoni (oriġinali jew traduzzjoni) ma' pubblikatur il-fondi jintużaw bl-aħjar mod possibbli u tiġi assigurata kwalità ogħla ta' produzzjoni ta' ktieb.

**Kif nikteb pitch għal traduzzjoni ta' ktieb?**

Fil-qosor, proposta jew pitch għat-traduzzjoni ta' ktieb għandha taqbad fl-essenza tagħha dwar xiex inhu l-ktieb u għala l-qarrejja għandhom ikunu interessati fih. Tista' tippiċċja aġent waqt laqgħa jew konferenza, iżda tista' wkoll billi timla formola apposta. Traduzzjoni ta' silta minn ktieb biex tintuża bħala pitch ħarira differenti għax tkun ippiċċjata minn aġent tad-drittijiet ta' barra, aġent letterarju, jew pubblikatur barrani. Il-materjal li se tqiegħed fl-applikazzjoni għall-Fond se jkun l-istess bħalma kieku tippiċċja lil aġent letterarju jew pubblikatur.

Hemm differenza ewlenija f'li tippiċċja ktieb ġdid u li tippiċċja traduzzjoni ta' ktieb: kemm jeħtieġlek tittraduċi mill-ktieb qabel tippiċċja u x'materjal għandek tinkludi fil-pakkett tal-pitch. B'mod ġenerali pitch tkun konċiża.

L-ittra tal-pitch tiegħek għall-fini ta' dal-fond (mhux aktar minn 1,000 kelma) għandha tinkludi:

- Dokument ta' Informazzjoni Avvanzata jew AI (preżentazzjoni tal-ktieb, riċensjonijiet fl-istampa, l-għan tal-ktieb (kotba mhux fittizji) jew dettalji tal-plot (kotba fittizji) u l-punti ewlenin jew is-suġġetti tal-ktieb f'paragrafi qosra, informazzjoni dwar l-awtur (kotba preċedenti, rendikont tal-bejgħ, premji, films ibbażati fuq xogħolhom, eċċ.);
- Kif interessajt ruħek fit-traduzzjoni ta' dal-ktieb: spjegazzjoni għala tinsab entużjast għat-traduzzjoni u għala taħseb li x-xogħol ikun jixraq lit-tali pubblikatur (tista' ssir referenza għal kotba oħra ppubblikati minnu) u lit-tali suq;
- Silta (madwar 3,500 kelma - biżżejjed biex dak li jkun ikollu togħma tajba tax-xogħol): jekk jingħataw il-fondi għandha tinqaleb silta mill-oriġinal;
- Fatti u numri: it-tul, in-numru tal-kliem/paġni. Rendikonti tal-bejgħ jew fejn ikklassifika l-ktieb fil-bejgħ fil-pajjiż li ġej minnu, anki bħala traduzzjoni f'xi pajjiż ieħor (dawn jistgħu jinkisbu mill-pubblikatur oriġinali);
- Sommarju dwarek (esperjenza fit-traduzzjoni u l-kredenzjali, jekk hemm);
- Raġunijiet li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni tal-pubblikatur: kif intlaqa' l-ktieb fis-suq oriġinali tiegħu u għala se jkun jixraq tradott fis-suq mira; it-tul; l-ispiża tat-traduzzjoni sħiħa tal-ktieb;
- INFORMAZZJONI OĦRA: L-awtur ħaj, kapaċi jiġi promoss, disponibbli tiltaqa' miegħu? Il-ktieb parti minn serje? Il-pajjiż jiġbed attenzjoni? L-editur jista' jaqra l-lingwa mira jew ikollu jistrieħ fuq xi ħadd barrani jew fuq traduzzjoni pont? Ħoloq ta' paġni tal-mezzi soċjali jew siti tal-awtur. Kull materjal ieħor ta' marketing li jattira l-pubblikatur potenzjali;
- Jirnexxilek inti jew min qed jirrappreżentak tiġbed lill-pubblikatur lejk kieku jkellkom tiltaqgħu f'laqgħa editorjali?
- Is-sejbiet tar-riċerka li saret biex jiġi identifikat id-detentur tad-drittijiet ta' barra.

**Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch - aktar materjal**

https://writingtipsoasis.com/how-to-get-your-book-into-foreign-markets/
https://www.thecreativepenn.com/2020/02/24/how-to-find-and-pitch-a-literary-agent/
https://makealivingwriting.com/literary-agent-book-pitch-advice/
https://2seasagency.com/submission-process-to-foreign-publishers/
https://writershelpingwriters.net/2013/06/foreign-rights-agents-everything-you-need-to-know-why-you-may-want-one/
https://soyouwanttowrite.org/blogs/syww/literary-agent-ultimate-guide
https://www.masterclass.com/articles/pros-and-cons-of-hiring-a-literary-agent

**Il-KNK jista' juża l-pitches tal-applikanti rebbieħa tal-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch biex jippromwovi l-letteratura Maltija barra, jew biex jgħin fl-importazzjoni ta' letteratura barranija bil-Malti?**

L-aġenti tad-drittijiet ta' barra jservu bħala pont bejn pubblikaturi barranin u detenturi tad-drittijiet billi jiffaċilitaw l-iffirmar tal-kuntratti, jiżguraw li l-iskeda fil-proċess tal-pubblikazzjoni tinżamm, u li l-ħlasijiet jgħaddu skont kif ikun maqbul kuntrattwalment. Bħalissa l-KNK jaġixxi bħala aġent tad-drittijiet ta' barra għar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Minn issa 'l quddiem, u bis-saħħa ta' dal-fond ġdid, il-benefiċjarji tiegħu jistgħu jibdew jiġu rrappreżentati mill-KNK f'fieri internazzjonali. B'hekk il-KNK għandu dritt juża dawn is-siltiet tradotti biex jippromwovi l-letteratura u, f'kollaborazzjoni mal-applikant, juża t-traduzzjoni bħala pitch ma' pubblikaturi barranin. It-tradutturi jistgħu jużaw dit-traduzzjoni fl-istess ħin, dejjem sakemm jinżamm il-ftehim mad-detentur tad-drittijiet ta' barra.

**X'tip ta' proġetti huma eliġibbli?**

<u>Għotjiet għall-Pubblikazzjoni</u>

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni se jkunu miftuħa għal xogħlijiet ta' finzjoni, letteratura mhux fittizja, u xogħlijiet ta' riċerka akkademika. Tingħata preferenza lil proġetti ambizzjużi li jkollhom valur kulturali għoli u relevanza għas-suq lokali mmirat, u partikularment jekk jaffaċċjaw sfidi ta' vijabbiltà kummerċjali. Il-fondi jiweżnu applikazzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet oriġinali ta' finzjoni, fosthom rumanzi, poeżiji, drammi, bijografiji, letteratura mhux fittizja jew rumanzi grafiċi, u anki kotba akkademiċi li jinkludu monografi, ġabriet editjati jew edizzjonijiet kritiċi. Kotba li jkun fihom biss xbihat jew tal-fotografija ma jgħoddux. Il-baġit annwali allokat huwa €50,000.

Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb jiffurmaw parti mill-istrateġija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) biex jinkuraġixxi l-pubblikazzjoni ta' kotba fis-suq lokali billi jissussidja l-pubblikazzjoni ta' kotba tal-Melitensia. Dil-fergħa timmira li tnaqqas jew telimina d-defiċit li jeżisti bejn il-ħtieġa li l-klassiċi tal-kanonu letterarju Malti jinqraw u n-nuqqas tagħhom mill-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba f'Malta. Għalhekk dal-fond jissussidja speċifikament dawn it-tip ta' kotba li llum m'għadekx issibhom mitbugħa.

It-taqsima tal-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa tal-Fond Malti tal-Ktieb għandha allokati €10,000 fis-sena, u dawn il-fondi jwieżnu applikazzjonijiet għall-pubblikazzjoni ta' edizzjonijiet ġodda ta' kotba li ilhom għoxrin (20) sena jew aktar mill-Fond inkwistjoni mhux fl-istampa. L-applikanti jistgħu japplikaw għal dawn it-tipi ta' kotba mhux fl-istampa, li sintendi jkollhom ISBN:

- letteratura (finzjoni, poeżija, drammi, bijografiji, letteratura mhux fittizja u rumanzi grafiċi);
- xogħol ta' riċerka, li jinkludu kotba akkademiċi (monografi, ġabriet editjati, edzzjonijiet kritiċi, katalgi rriċerkati ta' eżebizzjoni li jkunu jinkludu materjal analitiku frott ir-riċerka).

Huwa kruċjali li d-detentur tad-drittijiet tal-edizzjoni preċedenti jkun identifikat u ssirlu komunikazzjoni bil-proġett. L-applikant irid jara li jiddokumenta din l-identifikazzjoni u l-komunikazzjoni mad-detentur tad-drittijiet u li dawn ikunu jidhru fil-pakkett tal-applikazzjoni għall-fond.

Għotjiet għat-Traduzzjoni

It-taqsima tal-Għotjiet għat-Traduzzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb tinqasam f'żewġ kategoriji:

- Kategorija 1 - Traduzzjoni ta' kotba Maltin
  Dil-kategorija tista' tiffinanzja applikazzjonijiet għal proġetti ta' traduzzjoni ta' xogħlijiet Maltin (ippubblikati bil-Malti jew bl-Ingliż f'Malta, u li jkollhom ISBN Malti) f'kull ilsien ieħor. Xogħlijiet li jkunu se jinqalbu minn lingwa intermedjarja imma li jkunu nkitbu oriġinarjament bil-Malti se jkunu kkunsidrati wkoll, iżda tingħata prijorità lil dawk it-traduzzjonijiet li saru minn edizzjonijiet Maltin oriġinali. L-allokazzjoni baġitarja annwali għal dil-kategorija hi ta' €40,000.
- Kategorija 2 - Traduzzjoni għall-Malti
  Dil-kategorija tista' tiffinanzja applikazzjonijiet għal proġetti ta' traduzzjoni ta' xogħlijiet fil-Malti li oriġinarjament kienu ppubblikati f'kull lingwa oħra. L-allokazzjoni baġitarja annwali għal dil-kategorija hi ta' €15,000.

Iż-żewġ kategoriji jirrigwardjaw it-traduzzjoni ta' dawn it-tipi ta' xogħlijiet oriġinali:

- Letteratura (inzjoni, poeżija, drammi, bijografiji, letteratura mhux fittizja u rumanzi grafiċi);
- Xogħol ta' riċerka, li jinkludu kotba akkademiċi (monografi, ġabriet editjati, edzzjonijiet kritiċi, katalgi rriċerkati ta' eżebizzjoni jew ġabriet ta' ritratti li jkunu jinkludu materjal analitiku frott ir-riċerka)

Ix-xogħol oriġinali jrid ikun diġà ġie ppubblikat u jrid ikun identifikat minn ISBN.

<u>Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch</u>

L-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch tal-Fond Malti tal-Ktieb iwieżnu applikazzjonijiet għat-traduzzjoni ta' silta bħala pitch minn:

- xogħlijiet Maltin ippubblikati f'Malta bil-Malti jew bl-Ingliż u b'ISBN Malti, fi kwalunkwe lingwa oħra;
- xogħlijiet oriġinarjament ippublikati fi kwalunkwe lingwa oħra, lejn il-Malti;
- Xogħlijiet oriġinarjament ippubblikati fi kwalunkwe lingwa oħra bil-ħsieb li s-silta tradotta tintuża bħala traduzzjoni pont bl-Ingliż.

Il-baġit annwali allokat huwa €5,000, għal massimu ta' €500 għal kull silta tradotta minn ktieb. Dal-fond qiegħed għat-traduzzjoni ta' dat-tipi ta' xogħlijiet oriġinali:

- letteratura (finzjoni, poeżija, drammi, bijografiji, letteratura mhux fittizja u rumanzi grafiċi
- xogħol ta' riċerka, li jinkludu kotba akkademiċi (monografi, ġabriet editjati, edizzjonijiet kritiċi, katalgi rriċerkati ta' eżebizzjonijiet li jkunu jinkludu materjal analitiku frott ir-riċerka)

Ix-xogħol oriġinali jrid ikun diġà ġie ppubblikat u jrid ikun identifikat minn ISBN.

L-applikant irid jiżgura li d-detentur tad-drittijiet ikun identifikabbli fil-pakkett tal-applikazzjoni, billi jiddokumenta r-riżultat tar-riċerka għad-detentur tad-drittijiet tal-ktieb oriġinali.

**Sa meta jrid jitlesta x-xogħol li jieħu l-fondi?**

L-applikanti li jgħaddu mill-fażi tal-aġġudikazzjoni jridu jippreżentaw skedi taż-żmien għall-proġett tagħhom meta jiffirmaw il-kuntratt tal-benefiċjarju mal-KNK. L-applikanti jkunu mitluba jissottomettu rapport finali bl-irċevuti/fatturi meta l-proġett jitlesta fl-intier tiegħu sa mhux aktar tard minn tmintax (18)-il xahar minn meta jkun ġie ffirmat il-kuntratt tal-benefiċjarju.

# The Malta Book Fund – Frequently Asked Questions

For the sake of those who have never applied for funds before and have no experience with such procedures, it is worth pointing out the importance of paperwork, proper documentation and presentation. The application will be assessed mainly on the merits of the project, but applications that are handed in without the proper documents, or that have omitted required information will not make it to the stage where they will be assessed for their content.

We hope the following serves as a useful guide to all those wishing to apply for the Fund. Please do take the time to study Malta Book Fund guidelines and regulations for the respective grants in order to assess the eligibility of your project and ensure you hand in the application properly and duly filled in.

In case of difficulty, or for any queries regarding this fund, you can email us on matthew.borg@ktieb.org.mt. You can also call us on +356 27131574 from Monday to Friday between 09:00hrs and 16:00hrs.

## FAQs

### What type of grants does the Fund offer?

There are two main types of grants – Publishing Grants and Translation Grants. All grants awarded may support up to 100% of the proposed project and/or up to a maximum of € 5,000 for Publishing Grants for New Books, Publishing Grants for New Edition of Out-of-Print Works and Translation Grants, while a maximum of € 500 for Book Translation Pitch Grants. A specially-appointed adjudication board will evaluate each project in a rigorous application process that will ascertain both the value of the project and funding requirements. The Malta Book Fund will be issuing grants totalling €120,000, to be distributed among eligible publication and translation projects, as follows:

- €50,000 allocation for the Publishing Grants for New Books;
- €10,000 allocation for the Publishing Grants for New Edition of Out-of-Print Works;
- €5,000 allocation for the Book Translation Pitch Grants;
- €55,000 allocation for the Translation Grants:
    - Category 1 - €40,000 for the translation of Maltese books (in English or Maltese with Maltese ISBN) to other languages;
    - Category 2 - €15,000 for the translation of books from other languages into Maltese.

**Who can apply?**

The guidelines and regulations for the Malta Book Fund grants provide lists of eligible applicants and explanations of definitions of their professions in order to qualify as applicants. These are writers, translators and publishers. A writer is defined as someone who has published, or has had published at least one story in book form or an article or a story in a published book. The definition of publisher, on the other hand, requires that the person owns a publishing house that has already published a minimum of one book by one author. A translator is a person who has translated a minimum of one book, or a story or article in book form, or can prove a literary translation skillset.

Authors that have as yet not published any work cannot apply in their own name. However, they can still present their work if they find a publisher willing to be present their work.

**What documents should be included in the application?**

As stated on the Malta Book Fund page, every application must include the following:

1. Complete, signed and dated Application Form specifying which grant is being applied for
2. Project proposal (1,500 words for publication projects and 1,000 words for translation projects)
3. Budget breakdown (including copies of relevant official quotes)
4. A copy of the applicant's ID card (front and back) or residence permit or citizenship certificate or passport.
5. Bibliographic references of applicant and/or author's proposed project if any.
6. Other relevant bibliographic references if any.
7. Author's/translator's CV/portfolio.
8. A sample of the work, if any.
9. The State Aid Declaration Form.

Other non-mandatory documents are:

10. Any references and/or press cuttings supporting the proposed project, other relevant bibliographic references
11. A list, if any, of any public funds awarded in the past.

It should also be clear that the documents and requested information should be presented as neatly as possible and be limited to the requirements above.

It is not necessary for applicants to send copies of the texts they aim to publish. The initial stage of the application process is administrative, meaning that the application will be screened for eligibility in terms of documents and other information related to the project.

**How do I submit my application?**

A pack with four identical printed and signed copies of the application, bound in individual flat files or punch file folders, must be mailed to the National Book Council offices at the address provided here.





The application pack must be sent no later than the closing date specified below (date of postmark serves as proof).

Applications for the Malta Book Fund 2022 are also to be scanned and submitted by email to michael.mercieca@gov.mt. using the subject line: Malta Book Fund 2022 - application [AND NAME OF APPLICANT].

The printed and signed complete application must be mailed to the National Book Council offices:

Malta Book Fund 2022 - application [AND NAME OF APPLICANT]
National Book Council
Bice Mizzi Vassallo Complex
Arnheim Road

Pembroke PBK1776
Malta EU

The call for applications closes on Wednesday 30 June 2022 at 12:00 noon.

**When will the results be out?**

A specially-appointed board of adjudicators will assess the applications in the eight (8) weeks following the deadline for submission of applications.

**Can applicants present work that has already appeared in print?**

Publishing Grants for New Books: No. As stated in the guidelines and regulations, the fund aims to support the publication of material that has no commercial viability despite its high cultural value. If a work has already appeared in print, whether self-published or not, it means that some means of publication has been found so there is no need for funds.

Publishing Grants for New Editions of Out-of-Print Books: Yes. As stated in the guidelines and regulations, the fund aims to support the publication of material that has no commercial viability despite its high cultural value, and this strand of the Fund aims at supporting the publication of new editions of works published at least twenty years or more from the launch of the current Malta Book Fund call.

**Can applicants present work that they intend to self-publish?**

Technically yes, but it is not advisable. Ideally, all projects would be published with a local publisher, and translations by a foreign publisher. Publishers have the experience and expertise in editorial work, book layout and proofreading, as well as marketing and distribution, which can hardly be matched by any one individual. This means that work submitted for publication (original work or translation) with a publisher will make the best possible use of the funding and ensure high quality in terms of book production.

**How do I write a book translation pitch?**

In short, a book pitch (or proposal) should capture what the book is about and why people should be interested in reading it. You can pitch an agent in person at a meeting or conference, but a pitch can also be written out in the form of a query letter. A book translation pitch is slightly different in that its interlocutor is the foreign rights agent or literary agent or foreign publisher. The material you put together for the Fund application is what you would/will pitch to a literary agent, foreign rights agent, or publisher.

There’s one other major difference between pitching a new book and a book in translation: how much of the book/translation you need to have written in advance

and what type of material the pitch pack should include. In general, pitches should be brief and professional presentation is very important.

Your translation pitch letter for the purposes of this fund application (no more than 1,000 words) should include:

- An Advanced Information Sheet or AI (presentation of the book, press reviews, information on the author, purpose of the book (non-fiction) or plot details (fiction) and the main points or topics of the book in short paragraphs, information about the author (previous books, sales history, prizes, films based on their novels etc.);
- How you became interested in translating the specific book: an explanation as to why you are so enthusiastic about the book and why you think it is appropriate for that particular publisher (reference to other titles in their list) and/or market
- A sample chapter (around 3,500 words, enough to give a flavour of the book): the original excerpt to be translated if the funds are granted;
- Facts and figures: length, number of words/pages. Sales figures/bestseller placings in the country of publication and in translation in other countries (which you can obtain from the original publisher);
- Your own résumé (relevant translating experience and credentials of the translator, if any);
- Factors affecting the publisher's decision: how the book was received in its source publishing market and why it is suitable for the chosen target market; length; cost of translation of the whole book:
- BONUS INFO: Is the author alive, 'promotable', available for launch? Is the book part of a series? Is the country of origin fashionable? Can the editor read the language or will s/he need to rely on an outside reader/ bridge translation? Links to social media pages or author sites. Any other marketing material to be used to make the title in question as desirable as possible for foreign publishers
- Can you or who represents you fight for and win this book in an editorial meeting?
- Research outcome performed to identify foreign rights holder of the book.

**Translation Pitch Grants - further reading for applicants**

https://writingtipsoasis.com/how-to-get-your-book-into-foreign-markets/
https://www.thecreativepenn.com/2020/02/24/how-to-find-and-pitch-a-literary-agent/
https://makealivingwriting.com/literary-agent-book-pitch-advice/
https://2seasagency.com/submission-process-to-foreign-publishers/
https://writershelpingwriters.net/2013/06/foreign-rights-agents-everything-you-need-to-know-why-you-may-want-one/
https://soyouwanttowrite.org/blogs/syww/literary-agent-ultimate-guide
https://www.masterclass.com/articles/pros-and-cons-of-hiring-a-literary-agent

**Can the NBC use the winners of the book translation pitches grants and excerpts to promote Maltese books abroad, or help import more literature in Maltese translation?**

Foreign rights agents serve as liaisons between foreign publishers and rights holders by facilitating contract signatures, ensuring that publication schedules are met and payments received according to the conditions laid down in the contract. Currently the NBC acts as a foreign rights agent for National Book Prize winning authors.

As of 2022, the winners of the new Book Translation Pitch Grants can be represented by the NBC in international Book Fairs, thus has the right to use the sample translation for literature promotion purposes and, in collaboration with the applicant, pitch the translation to publishers at foreign book fairs. The translators may use their translation in parallel, subject to the agreement of the foreign rights' holder.

**What kind of projects are eligible?**

<u>Publishing Grants</u>

The Publishing Grants will be open to works of fiction, non-fiction and works of academic research. Preference will be given to ambitious projects of high cultural value and relevance to the target local market, and particularly if such projects face limitations relating to commercial viability. The grants support applications for the publication of original works of fiction, including novels, poetry, drama, biographies, literary nonfiction and graphic novels, as well as academic and scholarly books including monographs, edited collections, and critical editions. Books based solely on imagery or photography are ineligible. The annual allocated budget is €50,000.

<u>Publishing Grants for New Editions of Out-of-Print Works</u>

New to the 2022 edition, the Malta Book Fund Publishing Grants for New Edition of Out-of-Print Works form part of the National Book Council's strategy to boost the publication of books in the local market by subsidizing the publication of books in Melitensia. This strand of the Fund aims at bridging the gap between the need to read classics and books forming part of the Maltese literary canon, and their unavailability in bookshops, with an eye to specifically subsidize the publication of new editions of books that are out of print.

The Publishing Grants for New Edition of Out-of-Print Works section of the Malta Book Fund has an annual allocated budget of €10,000 that supports applications for the publication of new editions of out-of-print works published at least 20 (twenty) years before the launch of the current Malta Book Fund call. Applicants can apply for the following types of out-of-print works, carrying a Maltese ISBN:

- literature (fiction, poetry, drama, biographies, literary nonfiction and graphic novels);
- works of research including academic and scholarly books (monographs, edited collections, critical editions, researched exhibition and gallery catalogues containing analytical material that is the result of research).

It is imperative that the rights holder of the previous/original edition is identified and made contact with. The applicant must ensure to include as part of the application pack the research outcome performed to identify rights holder of the book, which must be documented.

Translation Grants

The Translation Grants section of the Malta Book Fund is divided into two categories:

- Category 1 - Translations of Maltese books
  This category supports applications for translation projects of Maltese works (published in the Maltese or English language in Malta with a Maltese ISBN) into any other language. Works which are going to be translated through a bridge language translation but which were originally written in the Maltese language will be considered, but priority will be given to works translated from original Maltese editions. The annual allocated budget for category 1 is €40,000.
- Category 2 - Translations into Maltese
  The category supports applications for the translation of works into Maltese of works originally published in any other language. The annual allocated budget for category 2 is €15,000.

Both categories of the programme address the translation of the following types of original works: literature (fiction, poetry, drama, biographies, literary nonfiction and graphic novels); works of research including academic and scholarly books (monographs, edited collections, critical editions, researched exhibition and gallery catalogues containing analytical material that is the result of research).

The original work needs to have been already published and identified by its foreign ISBN.

Book Translation Pitch Grants

The Malta Book Fund Book Translation Pitch Grants supports applications for the translation of excerpts:

- of Maltese works published in the Maltese or English language in Malta with a Maltese ISBN into any other language;
- of works originally published in any other language into the Maltese language;
- of works originally published in any other language which are going to be pitched through an English language bridge translation.

The annual allocated budget is €5,000, for a maximum of €500 euro per book translation excerpt pitch application and these grants address the translation of the following types of original works:

- literature (fiction, poetry, drama, biographies, literary nonfiction and graphic novels)
- works of research including academic and scholarly books (monographs, edited collections, critical editions, researched exhibition and gallery catalogues containing analytical material that is the result of research).

The original work needs to have been already published and identified by its ISBN.

The applicant must also ensure to identify the rights holder as part of the application, which consists of a book translation pitch.

**Is there a deadline for the completion of the project?**

Applicants who pass the adjudication stage will have to present timeframes for their project upon signing the beneficiaries contract with the NBC. Applicants will be required to submit a final report together with receipts/invoices upon completion of the project by not later than eighteen (18) months after signing the fund beneficiary contract.